



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 6.10.2011  
KUMM(2011) 607 finali

2011/0268 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006**

{SEG(2011) 1130 finali}

{SEG(2011) 1131 finali}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-qgħad u r-rati għolja b'mod persistenti ta' faqar jeħtieġu azzjoni fil-livell tal-UE u fil-livell nazzjonali. Illum, kważi 23 miljun ruħ huma qiegħda u 'l fuq minn 113-il miljun huma stmati li jgħixu fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni. Il-kwistjonijiet soċjali u tal-impjiegi huma tħassib primarju għaċ-ċittadini Ewropej u huwa qasam fejn huwa mistenni aktar mill-Unjoni. Sfidi addizzjonali li tiffaċċja l-Unjoni huma relatati ma': nuqqasijiet fil-livelli tal-ħiliet, rendiment baxx fil-politika tas-suq tax-xogħol attiv u fis-sistemi edukattivi, l-esklużjoni soċjali tal-gruppi marġinalizzati, u mobbiltà baxxa tal-ħaddiema. Hemm hteiga għal inizzjattivi ta' politika kif ukoll għal azzjonijiet ta' appoġġ konkreti.

Ħafna minn dawn il-problemi marru għall-aġar bil-kriżi finanzjarja u ekonomika, ix-xejriet demografiċi u migratorji u l-pass mgħaġġel tal-bidla teknoloġika. Jekk dawn ma jiġux indirizzati b'mod effettiv, jikkostitwixxu sfida sinifikanti għall-koeżjoni soċjali u l-kompetittività. Għalhekk huwa essenzjali li l-investment li jtejjeb it-tkabbir fl-infrastruttura, fil-kompetittività reġjonali u fl-iżvilupp tan-negozju jiġi akkumpanjat b'miżuri li jsostnu l-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli fl-oqsma tal-politika tas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-inklużjoni soċjali, l-adattabbiltà tal-ħaddiema, l-intrapriżi u l-intraprendituri, u l-kapaċità amministrattiva.

Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) jappoġġa l-politiki u l-prijoritajiet li jimmiraw għall-kisba ta' progress lejn livell massimu ta' impjiegi, it-tiħiħ tal-kwalità u l-produttività fix-xogħol, iż-żieda tal-mobbiltà ġeografika u okkupazzjonali tal-ħaddiema fl-Unjoni, it-titjib tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, u b'hekk ikunu qed jikkontribwixxu għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Billi l-FSE għandu jkun allinjat bis-siħ mal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-miri ewlenin tagħha, dan għandu jappoġġa l-politiki segwiti mill-Istati Membri skont il-Linji Gwida Integrati adottati skont l-Artikoli 121 u 148(4) tat-Trattat u r-Rakkomandazzjonijiet dwar il-Programmi tar-Riforma Nazzjonali. L-istabbiliment ta' ishma u ammonti minimi għall-FSE bħala wieħed mill-Fondi Strutturali se jiżgura li l-prijoritajiet tal-Unjoni jiġu riflessi b'mod xieraq fil-volum tal-investment dirett lejn iċ-ċittadini Ewropej.

L-FSE se jagħmel ukoll kontribuzzjoni prezzjuża lil prijoritajiet importanti oħra tal-Istrateġija Ewropa 2020, bħat-tiħiħ tal-investment tagħna fir-riċerka u l-innovazzjoni, it-tiħiħ tal-aċċessibbiltà u l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, iż-żieda tal-kompetittività tal-impriżi żgħar u medji, l-appoġġ tal-bidla lejn ekonomija baxxa fil-karbonju, il-protezzjoni tal-ambjent, u l-promozzjoni tal-użu sostenibbli tar-riżorsi. L-FSE se jaħdem f'sinerġija mal-Programm integrat il-ġdid għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni. Flimkien, dawn se jikkostitwixxu l-Inizzjattiva Ewropea komprensiva għall-Impjiegi u l-Inklużjoni Soċjali.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet pubbliċi għall-ħames Rapport ta' Progress dwar il-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali<sup>1</sup>, ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE<sup>2</sup> u l-proposti għall-qafas finanzjarju multiannwali<sup>3</sup>, kollha tqiesu għal din il-proposta.

Il-konsultazzjoni pubblika dwar il-konklużjonijiet tal-ħames Rapport dwar il-Koeżjoni saret bejn it-12 ta' Novembru 2010 u l-31 ta' Jannar 2011 u kkoncludiet bil-Forum ta' Koeżjoni. Waslu total ta' 444 kontribuzzjoni. Il-konvenuti kienu jinkludu l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-imsieħba soċjali, organizzazzjonijiet ta' interess Ewoprew, organizzazzjonijiet non-governattivi, ċittadini u partijiet interessati oħra. Il-konsultazzjoni ppreżentat serje ta' mistoqsijiet dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni. Ġiet ippubblikata taqsira tar-riżultati fit-13 ta' Mejju 2011<sup>4</sup>.

Barra minn hekk, ġew organizzati konferenzi speċifiċi u seminars li jiffokaw fuq il-futur tal-FSE. F'Ġunju 2010 il-konferenza "L-FSE u l-Ewropa 2020" ġabret flimkien aktar minn 450 rappreżentant ta' livell għoli mill-awtoritajiet pubbliċi, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili flivell tal-UE u nazzjonali kif ukoll mill-pajjiżi terzi. Barra minn hekk, f'Diċembru 2010 sar seminar mal-NGOs u l-imsieħba soċjali dwar il-futur tal-FSE.

Apparti minn hekk, fis-7 ta' Ottubru 2010, il-Parlament Ewropew adotta reżoluzzjoni dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni u l-FSE<sup>5</sup>. Il-Kummissjoni Ewropea talbet ukoll għal opinjonijiet esploratorji mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali<sup>6</sup> u mill-Kumitat tar-Regġuni<sup>7</sup> u rċeviethom.

Ġie provdut parir espert permezz tal-grupp *ad hoc* tal-Kumitat tal-FSE dwar il-futur tal-Fond Soċjali Ewropew, grupp informali ta' esperti mill-Istati Membri u l-imsieħba soċjali. Il-grupp *ad hoc* iltaqa' seba' darbiet bejn Diċembru 2009 u Marzu 2011. Barra minn hekk, ġie stabbilit grupp ta' ħidma bir-rappreżentanti tal-Istati Membri biex jiġu diskussi l-indikaturi komuni. Dan iltaqa' erba' darbiet u stabbilixxa l-bażi għall-indikaturi proposti. Il-Kumitat tal-FSE innifsu ħareġ opinjonijiet dwar il-futur tal-FSE fil-laqgħat tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2010 u l-10 ta' Marzu 2011. Kemm il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) kif ukoll il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC) ħarġu opinjonijiet speċifiċi wkoll, f'Jannar u Marzu 2011, rispettivament.

Ir-riżultati tal-*ex-post* evalwazzjonijiet li twettqu fil-programmi ta' bejn l-2000 u l-2006, u medda kbira ta' studji, intużaw bħala input. Twettqet valutazzjoni tal-impatt b'mod speċifiku

<sup>1</sup> Il-ħames Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali, Novembru 2010.

<sup>2</sup> il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Regġuni u lill-parlamenti nazzjonali: Ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE, COM(2010) 700, 19.10.2010.

<sup>3</sup> il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Baġit għall-Ewropa 2020, COM(2011) 500, 29.6.2011.

<sup>4</sup> Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika dwar il-konklużjonijiet tal-ħames rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, SEC(2011) 590 finali, 13.5.2011

<sup>5</sup> Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-futur tal-Fond Soċjali Ewropew, P7\_TA(2010)0357

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-politika reġjonali tal-UE wara l-2013, P7\_TA(2010)0356.

<sup>6</sup> ĠU C 132/8, 3/05/2011.

<sup>7</sup> ĠU C 166/08, 7/06/2011.

għar-Regolament tal-FSE, bħala parti minn pakkett ta' tliet valutazzjonijiet tal-impatt li jkopru wkoll r-Regolamenti tal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni u l-valutazzjonijiet tal-impatt għar-Regolament Ġenerali li jirregola l-FSE, l-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni.

Il-valutazzjoni tal-impatt għar-Regolament tal-FSE indirizzat prinċipalment il-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument u aspekk speċifiku wieħed tas-simplifikazzjoni. Din iddiskutiet ukoll l-artikolazzjoni bejn u l-komplimentarjetà mal-istrumenti finanzjarji disponibbli għad-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, jiġifieri l-FSE, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-programm PROGRESS, il-EURES u l-Faċilità Mikrofinanzjarja PROGRESS.

Dan huwa appoġġ wiesa' ħafna għar-rwol tal-FSE. L-FSE jitqies li qed jipprovdi valur miżjud Ewropew konsiderevoli minħabba li jippermetti lill-Istati Membri u r-reġjuni jindirizzaw il-prijoritajiet ewlenin Ewropej permezz tal-finanzjament Ewropew. Jitqies bħala element importanti fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin li jiffaċċjaw iċ-ċittadini Ewropej u fil-progress lejn il-miri stabbiliti fl-istrateġija Ewropa 2020. L-iffokar fuq l-isfidi ewlenin u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill jitqies bħala prekondizzjoni importanti għall-effettività tal-appoġġ. It-tnaqqis tal-komplessità tal-appoġġ u tal-piż tal-awditjar relatat, l-aktar għall-benefiċjarji iżgħar, jitqies ukoll bħala qasam importanti li għandu jiġi indirizzat.

### 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) huwa stabbilit permezz tal-Artikolu 162 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). It-termini ta' żmien għar-reviżjoni tal-finanzjament tal-UE għall-promozzjoni tal-koeżjoni huma marbuta mal-proposta għal Qafas Finanzjarju Multiannwali ġdid, kif imsemmi fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni.

Din il-proposta għal Regolament hija bbażata fuq l-Artikolu 164 TFUE. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru [...] jistabbilixxi l-qafas għall-azzjoni mill-Fondi Strutturali u mill-Fond ta' Koeżjoni u jistabbilixxi, b'mod partikolari, l-għanijiet tematiċi, il-prinċipji u r-regoli dwar l-ipprogrammar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll.

Fi ħdan dan il-qafas ġenerali, din il-proposta tiddefinixxi l-missjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE, flimkien mal-prijoritajiet ta' investiment assoċjati li jindirizzaw l-għanijiet tematiċi, u tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-programmi operattivi kofinanzjati mill-FSE u dwar in-nefqa eliġibbli.

L-FSE se jopera fi ħdan il-kuntest tal-Artikolu 174 TFUE, li jsejjaħ għal azzjoni mill-Unjoni Ewropea sabiex issaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha u tippromwovi żvilupp armonjuż globali permezz tat-tnaqqis tad-diverġenzi bejn il-livelli tal-iżvilupp tar-reġjuni u l-promozzjoni tar-reġjuni l-inqas vantaġġati.

Kif enfasizzat ir-Reviżjoni tal-Baġit tal-UE, "il-baġit tal-UE għandu jintuża sabiex jiffinanzja ġid pubbliku tal-UE, azzjonijiet li l-Istati Membri u r-reġjuni ma jistgħux jiffinanzjawhom huma stess, jew fejn jista' jikseb riżultati aħjar"<sup>8</sup>. Din il-proposta tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà hekk kif inhuma stabbiliti l-kompiti tal-FSE fit-Trattat u l-politika hija implimentata skont il-prinċipju tal-ġestjoni konġunta u bir-rispett tal-kompetenzi istituzzjonali tal-Istati Membri u tar-reġjuni.

---

<sup>8</sup> COM(2010) 700, 19.10.2010.

#### 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Qafas Finanzjarju Multiannwali tinkludi EUR 376 biljun għall-politika ta' koeżjoni għall-perjodu ta' bejn l-2014 u l-2020.

Baġit propost 2014-2020	EUR biljun	Sehem minimu tal-FSE	Ammont tal-FSE minimu li jirriżulta EUR biljun
Reġjuni l-inqas żviluppati	162.6	25 %	40.7
Reġjuni ta' tranżizzjoni	38.9	40 %	15.6
Reġjuni aktar żviluppati	53.1	52 %	27.6
Kooperazzjoni territorjali	11.7	-	-
Fond ta' Koeżjoni	68.7	-	-
Allokazzjoni addizzjonali għal reġjuni l-aktar imbiegħda b'poplazzjoni baxxa	0.926	-	-
Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, għat-trasport, l-enerġija u l-ICT	EUR 40 biljun (b'EUR 10 biljuni addizzjonali separati għal użu preċiż fil-Fond ta' Koeżjoni)	-	

*\*Iċ-ċifri kollha bil-prezzijiet kostanti tal-2011*

Bl-għan li tissaħħaħ l-abbiltà tal-Fondi li jwettqu l-miri ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020, din il-proposta tistabbilixxi ishma minimi għall-FSE għal kull kategorija ta' reġjuni definita fil-proposta għal Regolament Ġenerali. Dan jirriżulta f'shem minimu globali għall-FSE ta' 25 % tal-baġit allokati lill-politika ta' koeżjoni (esklużi l-allokazzjoni lill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa), jiġifieri EUR 84 biljun. L-allokazzjoni minima tal-FSE indikata tinkludi l-baġit (EUR 2,5 biljun) għal proposta tal-Kummissjoni li ser issir dwar l-appoġġ ta' ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn.

#### 5. TAQSIRA TAL-KONTENUT TAR-REGOLAMENT

F'termini tal-kamp ta' applikazzjoni, l-abbozz tar-Regolament tal-FSE għall-2014-2020 jipproponi li l-FSE jimmira erba' "għanijiet tematiċi" madwar l-Unjoni Ewropea kollha. (i) il-promozzjoni tal-impjiegi u l-mobbiltà tax-xogħol; (ii) l-investment fl-edukazzjoni, il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja; (iii) il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-għieda kontra l-faqar; (iv) it-titjib tal-kapaċità istituzzjonali u amministrazzjoni pubblika effiċjenti. Kull għan tematiku jissarraf f'kategoriji ta' intevent jew "prijoritajiet ta' investment". Barra minn hekk, l-FSE għandu jikkontribwixxi wkoll għal għanijiet tematiċi oħrajn bħal pereżempju l-appoġġ għall-bidla lejn ekonomija baxxa fil-karbonju, reżistenti għat-tibdil fil-klima u li tagħmel użu effiċjenti tar-riżorsi, it-tisħiħ tal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, it-tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp tekonoġiku u l-innovazzjoni u t-tisħiħ tal-kompetittività tal-impriżi żgħar u medji.

Hija meħtieġa l-konċentrazzjoni tal-finanzjament sabiex jinkiseb impatt suffiċjenti u li jista' jintwera. Sabiex tiġi żgurata din il-konċentrazzjoni, huwa propost li

- l-appoġġ għall-kapaċità amministrattiva għandha tiġi llimitata għall-Istati Membri b'reġjuni inqas żviluppati jew eliġibbli għall-Fond ta' Koeżjoni;
- mill-inqas 20 % tal-allokkazzjoni tal-FSE għandu jkun ddedikat għall-"promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar";
- il-programmi operattivi għandhom jiffokaw il-finanzjament fuq għadd limitat ta' "prijoritajiet ta' investment".

Barra minn hekk, l-abbozz tar-Regolament jiċċara u jsaħħaħ il-kontribuzzjoni tal-FSE għall-impenn tal-Unjoni biex telimina l-inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel u biex tipprevjeni d-diskriminazzjoni. L-Istati Membri għandhom jgħaqqdu approċċ b'saħħtu ta' mainstreaming u azzjonijiet speċifiċi biex jippromwovu l-ugwaljanza tas-sessi u n-nondiskriminazzjoni.

B'mod simili, l-abbozz tar-Regolament għandu l-għan li jsaħħaħ l-innovazzjoni soċjali u l-kooperazzjoni transnazzjonali bl-FSE, permezz ta' inċentiv fil-forma ta' rata ta' kofinanzjament oġġla għall-assi prijoritarji ddedikati lilhom, programmar speċifiku u arranġamenti ta' monitoraġġ, u rwol akbar għall-Kummissjoni fl-iskambju u t-tixrid tal-prassi tajba, l-azzjonijiet konġunta u r-riżultati madwar l-Unjoni kollha.

Fir-rigward tas-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, l-abbozz tar-Regolament jipproponi standards ta' kwalità minimi u grupp ta' indikaturi komuni obligatorji. Dan għandu jiżgura li l-monitoraġġ jipproduċi dejta b'saħħitha u affidabbli li tista' faċilment tiġi aggregata fil-livell tal-UE u li l-evalwazzjoni tiffoka fuq il-valutazzjoni tal-effettività u l-impatt tal-appoġġ mill-FSE.

L-abbozz tar-Regolament jagħti importanza kbira lill-involviment tal-imsieħba soċjali u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi fl-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet u l-operazzjonijiet tal-FSE. Għal dan l-għan, għar-reġjuni u l-pajjiżi inqas żviluppati, l-abbozz tar-Regolament jitlob li ammont xieraq tar-riżorsi tal-FSE jiġi allokat għall-azzjonijiet għall-bini tal-kapaċitajiet għall-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi. L-attivitajiet konġunti mwettqa mill-imsieħba soċjali se jiġu appoġġati wkoll, minħabba r-rwol essenzjali tagħhom fil-qasam tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali.

Bl-istess mod, l-abbozz tar-Regolament jipproponi għadd limitat ta' regoli speċifiċi ta' eliġibbiltà biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament tal-FSE għal benefiċjarji u operazzjonijiet iżgħar u biex titqies in-natura differenti tal-operazzjonijiet tal-FSE u t-tip differenti ta' benefiċjarji tal-FSE meta mqabbla ma' Fondi oħrajn. Sabiex jiġi żgurat li s-simplifikazzjoni tasal sal-benefiċjarji, l-abbozz tar-Regolament jipproponi li jiġi estiż l-użu tal-għażliet tal-kosti ssimplifikati, inkluż il-fatt li l-użu tagħhom isir obligatorju għal operazzjonijiet iżgħar. Dawn id-dispożizzjonijiet se jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u l-awtoritajiet ta' ġestjoni, isaħħu l-orjentazzjoni tar-riżultati tal-FSE u jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-rata ta' żbalji.

Fl-aħħar nett, huma introdotti dispożizzjonijiet speċifiċi għal strumenti finanzjarji sabiex iħeġġu lill-Istati Membri u lir-reġjuni jgħinu lill-FSE u b'hekk iżidu l-kapaċità tiegħu biex jiffinanzja l-azzjonijiet li jappoġġaw l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 164 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea<sup>9</sup>,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>10</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>11</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru [...] jistabbilixxi l-qafas ta' azzjoni mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u jstipula, b'mod partikolari, l-għanijiet tematiċi, il-prinċipji u r-regoli dwar l-ipprogrammar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi speċifikata l-missjoni u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew, flimkien mal-prijoritajiet ta' investiment relatati li jindirizzaw l-għanijiet tematiċi, u li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tip ta' attivitajiet li jistgħu jiġu finanzjati mill-FSE.
- (2) L-FSE għandu jtejjeb l-opportunitajiet tal-impjiegi, jippromwovi l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja u jiżviluppa politiki ta' inklużjoni attiva skont il-kompiti mogħtija lill-FSE permezz tal-Artikolu 162 tat-Trattat, u b'hekk jikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali skont l-Artikolu 174 tat-Trattat. Skont l-Artikolu 9 tat-Trattat, l-FSE għandu jieħu kont tal-ħtiġijiet marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, mal-għieda kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll ma' livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

---

<sup>9</sup> ĠU C , , p . .

<sup>10</sup> ĠU C , , p . .

<sup>11</sup> ĠU C , , p . .

- (3) Il-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 talab li l-politiki komuni kollha, inkluża l-politika ta' koeżjoni, jappoġġaw l-Istrateġija Ewropa 2020 għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv"<sup>12</sup>. Sabiex jiġi żgurat l-allinjament sħiħ tal-FSE mal-għanijiet ta' din l-istrateġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-għieda kontra l-esklużjoni soċjali, l-FSE għandu jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill fuq il-linji gwida wiesgħa għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u l-Unjoni u d-deċizzjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida għall-politiki tal-impjiegi tal-Istati Membri li ġew adottati skont l-Artikoli 121 u 148(4) tat-Trattat. Dan għandu wkoll jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-inizjattivi ewlenin, b'mod speċjali fir-rigward tal-"Aġenda għall-Ħiliet Ġodda u l-Impjiegi"<sup>13</sup>, "Żgħażaġħ Attivi"<sup>14</sup>, u l-"Pjattaforma Ewropea Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali"<sup>15</sup>. Se jappoġġa wkoll l-attivitajiet fl-inizjattivi "Aġenda Diġitali"<sup>16</sup> u l-"Unjoni tal-Innovazzjoni"<sup>17</sup>.
- (4) L-Unjoni Ewropea qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, il-bidla teknoloġika u forza tax-xogħol li dejjem qed tiżdied fl-età u nuqqas dejjem jikber ta' ħiliet u xogħol f'xi setturi u reġjuni. Is-sitwazzjoni kkumplikata ruħha aktar minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja reċenti, li rriżultat f'livelli oġhla ta' qgħad, li affettwat b'mod partikolari ż-żgħażaġh u gruppi vulnerabbli oħra, bħall-migranti. L-FSE għandu jimmira li jippromwovi l-impjiegi u jappoġġa l-mobbiltà tax-xogħol, jinvesti fl-edukazzjoni, il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, jippromwovi l-inklużjoni soċjali u jiġġieled kontra l-faqar. Fil-promozzjoni tal-funzjonament aħjar tas-swieq tax-xogħol permezz tat-tisħiħ tal-mobbiltà ġeografika transnazzjonali tal-ħaddiema, l-FSE għandu b'mod partikolari, jappoġġa s-Servizzi Ewropej tal-Impjiegi (l-attivitajiet tal-EURES) f'dak li għandu x'jaqsam mar-reklutaġġ u l-informazzjoni relatata, il-pariri u s-servizzi ta' gwida f'livell nazzjonali u transkonfinali.
- (5) Minbarra dawn il-prijoritajiet, fir-reġjuni inqas żviluppati u l-Istati Membri, u bl-għan li jiżdiedu t-tkabbir ekonomiku u l-opportunitajiet tal-impjiegi, l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika għandha tittiejeb u l-kapaċità istituzzjonali tal-partijiet interessati fil-qasam tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-politiki soċjali għandha tissaħħaħ.
- (6) Fl-istess ħin, huwa essenzjali li wieħed jappoġġa l-iżvilupp u l-kompetittività tal-impriżi żgħar u medji Ewropej u jiżgura li n-nies jistgħu jadattaw, permezz tal-kisba tal-ħiliet xierqa u permezz ta' opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja, għal sfidi ġodda bħall-bidla għal ekonomija bbażata fuq l-għarfien, l-aġenda diġitali, u t-tranżizzjoni lejn ekonomija baxxa fil-karbonju u aktar effiċjenti fl-enerġija. L-FSE għandu jikkontribwixxi għall-indirizzar ta' dawn l-isfidi billi jkompli jaħdem għall-kisba tal-għanijiet tematiċi ewlenin tiegħu. F'dan il-kuntest, l-FSE għandu jappoġġa t-tranżizzjoni tal-forza tax-xogħol lejn ħiliet u impjiegi aktar ekoloġiċi, b'mod partikolari fl-effiċjenza tal-enerġija, l-enerġija rinovabbli u s-setturi tat-trasport sostenibbli, filwaqt li titqies l-intenzjoni tal-Unjoni biex iżżid il-proporzjon tal-baġit tal-UE li huwa relatat mal-mainstreaming tal-klima għal mill-inqas 20 % b'kontribuzzjonijiet minn oqsma tal-politika differenti.

<sup>12</sup> COM(2010) 2020 finali, 3.3.2010

<sup>13</sup> COM (2010) 682 finali, 23.11.2010

<sup>14</sup> COM(2010) 477 finali, 15.09.2010

<sup>15</sup> COM(2010) 758 finali, tat-16.12.2010

<sup>16</sup> COM(2010) 245 finali/2, 26.8.2010.

<sup>17</sup> COM(2010) 546 finali, 6.10.2010



- (7) L-FSE għandu jikkontribwixxi għall-Istrateġija Ewropa 2020, filwaqt li jiżgura konċentrazzjoni akbar ta' appoġġ fuq il-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea. L-FSE għandu b'mod partikolari jżid l-appoġġ tiegħu għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar, permezz ta' allokkazzjoni minima separata għal użu preċiż. Skont il-livell tal-iżvilupp tar-reġjuni appoġġati, l-għażla u l-għadd ta' prijoritajiet ta' investment għall-appoġġ tal-FSE għandhom ukoll ikunu limitati.
- (8) Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ aktar mill-qrib u valutazzjoni mtejbja tar-risultati miksuba fuq livell Ewropew permezz ta' azzjonijiet appoġġati mill-FSE, għandu jiġi stabbilit grupp komuni ta' indikaturi ta' produzzjoni u risultati.
- (9) L-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE tiddipendi fuq it-tmexxija tajba u s-sħubija bejn l-atturi territorjali u soċjoekonomiċi rilevanti kollha, l-aktar l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi. Għalhekk huwa neċessarju li l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi fl-implimentazzjoni tal-FSE.
- (10) L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet iffinanzjati mill-FSE jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel skont l-Artikolu 8 tat-Trattat. L-evalwazzjonijiet urew l-importanza li jitqies l-aspett tas-sessi fid-dimensjonijiet kollha tal-programmi, filwaqt li jiġi żgurat li jittieħdu azzjonijiet speċifiċi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi.
- (11) Skont l-Artikolu 10 tat-Trattat, l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet iffinanzjati mill-FSE għandhom jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-orijentazzjoni sesswali, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. L-FSE għandu jappoġġa t-tweqqif tal-obbligu skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltajiet fir-rigward *inter alia* tal-edukazzjoni, ix-xogħol u l-impjiegi u l-aċċessibbiltà. L-FSE għandu wkoll jippromwovi t-tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għall-kura bbażata fil-komunità.
- (12) L-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali huwa essenzjali għat-tfassil ta' politiki li huma aktar adatti għall-bidla soċjali u biex jitħeġġu u jiġu appoġġati l-impriżi soċjali innovattivi. B'mod partikolari, l-ittestjar u l-evalwazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi qabel l-applikazzjoni tagħhom fuq skala akbar huma essenzjali fit-titjib tal-effiċjenza tal-politiki u għalhekk dan jiġġustifika l-appoġġ speċifiku mill-FSE.
- (13) Il-kooperazzjoni transnazzjonali għandha valur miżjud sinifikanti u hija meħtieġa għat-tisħiħ tar-rwol tal-Kummissjoni biex tiffaċilita l-iskambji tal-esperjenza u l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-inizjattivi rilevanti.
- (14) Il-mobilizzazzjoni tal-partijiet interessati reġjonali u lokali hija meħtieġa għat-tweqqif tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-miri ewlenin tagħha. Il-patti territorjali, l-inizjattivi lokali għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, l-istrateġiji għall-iżvilupp lokali mmexxija mill-komunità u l-istrateġiji għall-iżvilupp urban sostenibbli jistgħu jintużaw u jiġu appoġġati biex jinvolvu b'mod aktar attiv l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-ibliet, l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi fl-implimentazzjoni tal-programmi.

- (15) Ir-Regolament (KE) Nru [...] jistipula li r-regoli dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa għandhom jiġu stabbiliti fuq livell nazzjonali, b'xi eċċezzjonijiet li għalihom ikun meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-FSE.
- (16) Bl-għan li jiġi ssimplifikat l-użu tal-FSE u biex jitnaqqas ir-riskju ta' żbalji, u fir-rigward tal-ispeċifitajiet tal-operazzjonijiet appoġġati mill-FSE, huwa xieraq li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet li jikkumplementaw l-Artikoli 57 u 58 tar-Regolament (UE) Nru [...].
- (17) L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jitħeġġu sabiex jgħinu lill-FSE permezz ta' strumenti finanzjarji sabiex jappoġġaw pereżempju l-istudenti, il-ħolqien tal-impjiegi, il-mobbiltà tal-ħaddiema, l-inklużjoni soċjali u l-intraprenditorija soċjali.
- (18) Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni għall-istabbiliment tad-definizzjoni ta' skali standard tal-kosti unitarji u somom f'daqqa u l-ammonti massimi tagħhom skont tipi differenti ta' operazzjonijiet u għad-definizzjoni tar-regoli u l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-garanziji bbażati fuq il-politiki. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (19) Dan ir-Regolament jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999<sup>18</sup>. Dak ir-Regolament għandu għalhekk jitħassar,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## **Kapitolu I**

### **Dispożizzjonijiet ġenerali**

#### *Artikolu 1* **Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-missjoni tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-kamp ta' applikazzjoni tal-għajnuna tiegħu, id-dispożizzjonijiet speċifiċi u t-tipi ta' nefqa eliġibbli għall-għajnuna.

#### *Artikolu 2* **Missjoni**

1. L-FSE għandu jippromwovi livelli għoljin ta' kwalità ta' impjiegi u xogħol, jappoġġa l-mobbiltà ġeografika u okkupazzjonali tal-ħaddiema, jiffaċilita l-adattament

---

<sup>18</sup> ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12.

tagħhom għall-bidla, iħeġġeġ livell għoli ta' edukazzjoni u taħriġ, jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-opportunitajiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni, isaħħaħ l-inklużjoni soċjali u jgħgieled kontra l-faqar, u b'hekk ikun qed jikkontribwixxi għall-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-tiżiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

2. Għandu jagħmel dan billi jappoġġa l-Istati Membri fil-ħidma għall-kisba tal-prijoritajiet u l-miri ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. L-FSE għandu jappoġġa t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet, filwaqt li jqis il-linji gwida integrati għall-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi tal-Istati Membri<sup>19</sup> u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Programmi tar-Riforma Nazżjonali.
3. L-FSE għandu jkun ta' benefiċċju għan-nies, inklużi l-gruppi żvantaġġjati bħal pereżempju n-nies li jkunu qiegħda fit-tul, in-nies b'diżabbiltajiet, il-migranti, il-minoritajiet etniċi, il-komunitajiet marġinalizzati u n-nies li qed jiffaċċjaw l-esklużjoni soċjali. L-FSE għandu wkoll jipprovdi appoġġ lill-impriżi, is-sistemi u l-istrutturi bl-għan li jiffaċilita l-adattament tagħhom għal sfidi ġodda u biex jippromwovi tmexxija tajba u l-implimentazzjoni tar-riformi, b'mod partikolari fl-oqsma tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-politiki soċjali.

### *Artikolu 3*

#### **Kamp ta' applikazzjoni tal-għajnuna**

1. Skont l-għanijiet tematiċi elenkati hawn taħt, u skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru [...], l-FSE għandu jappoġġa l-prijoritajiet ta' investiment li ġejjin:
  - (a) Il-promozzjoni tal-impjiegi u l-appoġġ għall-mobbiltà fix-xogħol permezz ta':
    - (i) L-aċċess għall-impjiegi għal dawk li qed ifittxu xogħol u għan-nies li mhumiex attivi, inklużi inizjattivi għall-impjiegi lokali u appoġġ għall-mobbiltà fix-xogħol;
    - (ii) L-integrazzjoni sostenibbli taż-żgħażaġħ li mhumiex qegħdin f'impjeg, fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ għas-suq tax-xogħol;
    - (iii) L-impjiegi indipendenti, l-intraprenditorija u l-ħolqien ta' negozji;
    - (iv) L-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u r-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;
    - (v) L-adattament tal-ħaddiema, l-impriżi u l-intraprendituri għall-bidla;
    - (vi) It-tixjiħ attiv u fi stat tajjeb ta' saħħa;

---

<sup>19</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2010 dwar linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika tal-Istati Membri u tal-Unjoni (*ĠU L 191, 23.7.2010, p. 28–34*) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi (*ĠU L 308, 24.11.2010, p. 46–51*).

- (vii) Il-modernizzazzjoni u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol, inklużi l-azzjonijiet għat-tisħiħ tal-mobbiltà transnazzjonali tax-xogħol;
- (b) L-investiment fl-edukazzjoni, il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja permezz ta':
- (i) It-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola u l-promozzjoni ta' aċċess ugwali għall-edukazzjoni ta' kwalità tajba fil-bidu tat-tfulija, l-edukazzjoni primarja u dik sekondarja;
  - (ii) It-titjib tal-kwalità, l-effiċjenza u l-ftuħ tal-edukazzjoni terzjarja u ekwivalenti bl-għan li jżiedu l-livelli ta' parteċipazzjoni u ta' kisba;
  - (iii) It-tisħiħ tal-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, it-titjib tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-forza tax-xogħol u ż-żieda tar-rilevanza tas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ;
- (c) Il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-għieda kontra l-faqar permezz ta':
- (i) L-inklużjoni attiva;
  - (ii) L-integrazzjoni tal-komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma;
  - (iii) Il-għieda kontra d-diskriminazzjoni minħabba s-sess, l-orijini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali;
  - (iv) It-tisħiħ tal-aċċess għal servizzi bi prezz li jista' jintlaħaq, sostenibbli u ta' kwalità għolja, inkluża l-kura tas-saħħa u s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali;
  - (v) Il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali u l-impriżi soċjali;
  - (vi) Strateġiji lokali għall-iżvilupp lokali mmexxija mill-komunità;
- (d) It-titjib tal-kapaċità istituzzjonali u l-amministrazzjoni pubblika effiċjenti permezz ta':
- (i) L-investiment fil-kapaċità istituzzjonali u fl-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u s-servizzi pubbliċi bl-għan li jkun hemm riformi, regolamentazzjoni aħjar u tmexxija tajba;
- Din il-prijorità ta' investiment tapplika biss madwar it-territorju tal-Istati Membri li għandhom mill-inqas reġjun wieħed NUTS tal-livell 2 kif definit fl-Artikolu 82(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru [...] jew fl-Istati Membri li huma eliġibbli għal appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni.
- (ii) Il-bini tal-kapaċitajiet għall-partijiet interessati li joħorġu politiki dwar l-impjiegi, l-edukazzjoni u soċjali u patti settorjali u

territorjali għall-mobilizzazzjoni tar-riforma flivell nazzjonali, reġjonali u lokali.

2. Permezz tal-prijoritajiet ta' investiment elenkati fil-paragrafu 1, l-FSE għandu wkoll jikkontribwixxi għall-għanijiet tematiċi l-oħra elenkati fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru [...], l-aktar billi:
  - (e) Jappoġġa l-bidla lejn ekonomija baxxa fil-karbonju, reżistenti għat-tibdil fil-klima, li tagħmel użu effiċjenti tar-riżorsi u ambjentalment sostenibbli, permezz tar-riforma tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, l-adattament tal-ħiliet u l-kwalifiki, it-titjeb tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda f'setturi relatati mal-ambjent u l-enerġija;
  - (f) It-titjib tal-aċċessibilità, l-użu u l-kwalità tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, permezz tal-iżvilupp tal-kompetenza diġitali, l-investiment fl-inklużjoni diġitali, il-ħiliet diġitali u l-ħiliet intraprenditorjali relatati;
  - (g) It-tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni teknoloġiċi, permezz tal-iżvilupp tal-istudji post universitarji, it-taħriġ tar-riċerkaturi, l-attivitajiet ta' netwerking u l-isħubiji bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġhla, iċ-ċentri tar-riċerka u teknoloġiċi u l-intrapriżi;
  - (h) It-tisħiħ tal-kompetittività tal-impriżi żgħar u medji, permezz tal-promozzjoni tal-adattabilità tal-impriżi u l-ħaddiema u aktar investiment fil-kapital uman.

#### *Artikolu 4*

#### **Konsistenza u konċentrazzjoni tematika**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istrateġija u l-azzjonijiet stabbiliti fl-Programmi Operattivi huma konsistenti u jiffokaw fuq l-indirizzar tal-isfidi identifikati fil-Programmi tar-Riforma Nazzjonali u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill rilevanti li saru skont l-Artikolu 148(4) tat-Trattat, sabiex jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020 dwar l-impjiegi, l-edukazzjoni u t-tnaqqis tal-faqar.
2. Mill-inqas 20 % tar-riżorsi totali tal-FSE f'kull Stat Membru għandu jiġi allokati lill-għan tematiku "il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-għieda kontra l-faqar" stabbilit fl-Artikolu 9(9) tar-Regolament (UE) Nru [...].
3. L-Istati Membri għandhom ikomplu jwettqu l-konċentrazzjoni tematika skont il-modalitajiet li ġejjin:
  - (a) Għar-reġjuni aktar żviluppati, l-Istati Membri għandhom jikkonċentraw 80 % tal-allokkazzjoni lil kull programm operattiv fuq sa erbgħa mill-prijoritajiet ta' investiment stabbiliti fl-Artikolu 3(1).
  - (b) Għar-reġjuni tranżitorji, l-Istati Membri għandhom jikkonċentraw 70 % tal-allokkazzjoni lil kull programm operattiv fuq sa erbgħa mill-prijoritajiet ta' investiment stabbiliti fl-Artikolu 3(1).

- (c) Għar-reġjuni inqas żviluppati, l-Istati Membri għandhom jikkonċentraw 60 % tal-allokkazzjoni lil kull programm operativ fuq sa erbgħa mill-prijoritajiet ta' investiment stabbiliti fl-Artikolu 3(1).

#### *Artikolu 5* **Indikaturi**

1. Għandhom jintużaw indikaturi komuni kif stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament u indikaturi speċifiċi għal kull programm skont l-Artikolu 24(3) u 87(2)(b)(ii) tar-Regolament (UE) Nru [...]. L-indikaturi kollha għandhom jiġu espressi f'numri assoluti.

L-indikaturi tal-produzzjoni komuni u dawk speċifiċi għal kull programm jirrigwardaw l-operazzjonijiet implimentati parzjalment jew bis-sħiħ. Fejn ikunu rilevanti għan-natura tal-operazzjonijiet appoġġati, il-valuri ta' mira kwantifikati kumulattivi għandhom jiġu stabbiliti għall-2022. L-indikaturi ta' referenza għandhom jiġu ffixxati għal zero.

L-indikaturi tar-risultati komuni u dawk speċifiċi għal kull programm jirrigwardaw l-assi prijoritarju jew is-subprijoritajiet stabbiliti skont assi prijoritarju. L-indikaturi ta' referenza għandhom jużaw id-dejta l-aktar reċenti disponibbli. Il-valuri ta' mira kwantifikati kumulattivi għandhom jiġu stabbiliti għall-2022.

2. Fl-istess żmien tar-rapporti tal-implimentazzjoni annwali, l-awtorità ta' ġestjoni għandha titrażmetti dejta strutturata b'mod elettroniku għal kull prijorità ta' investiment. Id-dejta għandha tkopri l-kategorizzazzjoni u l-indikaturi tal-produzzjoni u tar-risultati.

## **Kapitolu II**

### **Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ipprogrammar u l-implimentazzjoni**

#### *Artikolu 6* **Involviment tal-imsieħba**

1. L-involviment tal-imsieħba soċjali u partijiet interessati oħra, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, fl-implimentazzjoni ta' programmi operattivi, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru [...], jista' jieħu l-forma ta' għotjiet globali kif definit fl-Artikolu 112(7) tar-Regolament (UE) Nru [...]. F'tali każ, il-programm operativ għandu jidentifika l-parti tal-programm ikkonċernat mill-għotja globali, inkluża allokkazzjoni finanzjarja indikattiva minn kull assi prijoritarju lilu.
2. Sabiex tithegġegħ parteċipazzjoni xierqa tal-imsieħba soċjali f'azzjonijiet appoġġati mill-FSE, l-awtoritajiet ta' ġestjoni ta' programmi operattivi f'reġjun kif definit fl-Artikolu 82(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru [...] jew fi Stati Membri li huma

eliġibbli għall-appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni għandhom jiżguraw li ammont xieraq tar-riżorsi tal-FSE jiġi allokat għall-attivitajiet tal-bini tal-kapaċitajiet, fil-forma ta' taħriġ, miżuri ta' networking, u t-tiżni tad-djalogu soċjali, u lil attivitajiet li jitwettqu b'mod konġunt mill-imsieħba soċjali.

3. Sabiex tittejjer il-parteċipazzjoni xierqa u l-aċċess mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi għal azzjonijiet appoġġati mill-FSE, l-aktar fl-oqsma tal-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs, l-awtoritajiet ta' ġestjoni ta' programm operattiv f'reġjun kif definit fl-Artikolu 82(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru [...] jew fi Stati Membri li huma eliġibbli għall-appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni għandhom jiżguraw li ammont xieraq tar-riżorsi tal-FSE jiġi allokat għall-bini tal-kapaċitajiet għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi.

#### *Artikolu 7*

### **Promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa**

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa permezz tal-mainstreaming kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru [...] u azzjonijiet b'mira speċifika kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(a)(iv), b'mod partikolari bl-għan li *tiżdied il-parteċipazzjoni sostenibbli u l-progress tan-nisa fl-impjiegi, titnaqqas is-segregazzjoni bbażata fuq is-sessi fis-suq tax-xogħol, jiġġieldu kontra l-isterjotipi skont is-sessi fl-edukazzjoni u t-taħriġ u jippromwovu r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja personali għall-irġiel u n-nisa.*

#### *Artikolu 8*

### **Promozzjoni tal-opportunitajiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni**

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inkluża l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà permezz tal-mainstreaming tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru [...], u permezz ta' azzjonijiet speċifiċi fi ħdan il-prijoritajiet ta' investiment kif definit fl-Artikolu 3, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1)(c)(iii). Tali azzjonijiet għandhom jimmiraw in-nies li għandhom riskju ta' diskriminazzjoni u nies b'diżabbiltà, bl-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali tagħhom, jitnaqqsu l-inugwaljanzi f'termini ta' kisba edukattiva u l-istat tas-saħħa u tiġi faċilitata t-tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għal dik ibbażata fuq il-komunità.

#### *Artikolu 9*

### **Innovazzjoni soċjali**

1. L-FSE għandu jippromwovi l-innovazzjoni soċjali fi ħdan l-oqsma kollha li jaqaw fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE, kif definit fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari bl-għan li jiġu ttestjati u mtejjba s-soluzzjonijiet innovattivi sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet soċjali.
2. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw temi għall-innovazzjoni soċjali, li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom fil-programmi operattivi tagħhom.

3. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-bini tal-kapaċitajiet għall-innovazzjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ tat-tagħlim reċiproku, l-istabbiliment ta' networks, u t-tixrid tal-prassi tajba u tal-metodoloġiji.

#### *Artikolu 10*

### **Koperazzjoni transnazzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-kooperazzjoni transnazzjonali bl-għan li jippromwovu t-tagħlim reċiproku u b'hekk iżidu l-effettività tal-politiki appoġġati mill-FSE. Il-kooperazzjoni transnazzjonali għandha tinvolvi l-imsieħba minn mill-inqas żewġ Stati Membri.
2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu temi għall-kooperazzjoni transnazzjonali minn lista proposta mill-Kummissjoni u approvata mill-Kumitat tal-FSE.
3. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-kooperazzjoni transnazzjonali fit-temi msemmija fil-paragrafu 2 permezz tat-tagħlim reċiproku u l-azzjoni koordinata jew konġunta. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tħaddem pjattaforma fuq livell tal-UE biex tiffaċilita l-iskambju tal-esperjenza, il-bini tal-kapaċitajiet u n-netwerking kif ukoll it-tixrid tar-riżultati rilevanti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa qafas ta' implimentazzjoni koordinat, inklużi kriterji ta' eliġibbiltà komuni, tipi u għażla ta' żmien tal-azzjonijiet, u approċċi metodoloġiċi komuni għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, bl-għan li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transnazzjonali.

#### *Artikolu 11*

### **Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-fondi għall-programmi operattivi**

1. B'deroga mill-Artikolu 87(1) tar-Regolament (UE) Nru [...], il-programmi operattivi jistgħu jistabbilixxu assi prijoritarju għall-implimentazzjoni tal-innovazzjoni soċjali u l-kooperazzjoni transnazzjonali kif imsemmi fl-Artikoli 9 u 10.
2. B'deroga mill-Artikolu 109(3) tar-Regolament (UE) Nru [...], ir-rata ta' kofinanzjament massima għal assi prijoritarju għandha tiżdied b'għaxar punti perċentwali, iżda ma taqbiżx 100 %, fejn l-assi prijoritarju sħiħ ikun dedikat għall-innovazzjoni soċjali jew għall-kooperazzjoni transnazzjonali, jew taħlita tat-tnejn.
3. Minbarra d-dispożizzjoni magħmula fl-Artikolu 87(3) tar-Regolament (UE) Nru [...], il-programmi operattivi għandhom ukoll jistabbilixxu l-kontribut tal-azzjonijiet ippjanati appoġġati mill-FSE:
  - (i) lill-għanijiet tematiċi elenkati fl-Artikolu 9(1) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru [...] għal kull assi prijoritarju, kif xieraq;
  - (j) lill-innovazzjoni soċjali u l-kooperazzjoni transnazzjonali, kif imsemmi fl-Artikoli 9 u 10, fejn dawn ma jkunux koperti minn assi prijoritarju dedikat.



### *Artikolu 12*

#### **Disposizzjonijiet speċifiċi fuq it-trattament ta' karatteristiċi territorjali speċjali**

1. L-FSE jista' jappoġġa strateġiji tal-iżvilupp lokali mmexxija mill-komunità, kif imsemmi fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru [...], patti territorjali u inizjattivi lokali għall-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, kif ukoll Investimenti Territorjali Integrati (ITI) kif imsemmi fl-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru [...].
2. Bħala għajnuna għall-interventi tal-FEŻR kif imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru [FEŻR], l-FSE jista' jappoġġa l-iżvilupp urban sostenibbli permezz ta' strateġiji li jistabbilixxu azzjonijiet integrati sabiex jindirizzaw l-isfidi ekonomiċi, ambjentali u soċjali li jaffettwaw iż-żoni urbani tal-ibliet li huma elenkati fil-kuntratt ta' sħubija.

## **Kapitolu III**

### **Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ġestjoni finanzjarja**

#### *Artikolu 13*

#### **Eliġibbiltà tan-nefqa**

1. L-FSE għandu jipprovdi appoġġ għan-nefqa eliġibbli li, minkejja l-Artikolu 109(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru [...], jista' jinkludi kwalunkwe riżorsi finanzjarji kollettivament kostitwiti minn min iħaddem u minn ħaddiema.
2. B'deroga għall-Artikolu 60(2) tar-Regolament (UE) Nru [...], l-FSE jista' jipprovdi appoġġ għan-nefqa li ġġarrbet għall-operazzjonijiet li jsiru 'l barra miż-żona tal-programm, iżda għewwa l-Unjoni, sakemm jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (k) l-operazzjoni hija għall-benefiċċju taż-żona tal-programm;
  - (l) l-obbligi tal-awtoritajiet għall-programm relatati mal-ġestjoni, il-kontroll u l-awditjar fir-rigward tal-operazzjoni jkunu ssodisfati mill-awtoritajiet responsabbli għall-programm li taħtu tiġi appoġġata l-operazzjoni jew jidħlu fi ftehim mal-awtoritajiet fl-Istati Membri li fihom qed tiġi implimentata l-operazzjoni sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2(a) u l-obbligi relatati mal-ġestjoni, il-kontroll u l-awditjar fir-rigward tal-operazzjoni jkunu ssodisfati.
3. Minbarra n-nefqa msemmija fl-Artikolu 59(3) tar-Regolament (UE) Nru [...], ix-xiri tal-infrastruttura, l-art u l-proprjetà ma għandux ikun eliġibbli għal kontribut mill-FSE.
4. Il-kontributi materjali fil-forma ta' għotjiet jew salarji maħruġa minn parti terza għall-benefiċċju tal-parteċipanti f'operazzjoni jistgħu jkunu eliġibbli għal kontribut mill-FSE sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx il-kost mġarrab mill-parti terza u li jkun mġarrab skont ir-regoli nazzjonali, inklużi r-regoli tal-kontabbiltà.

*Artikolu 14*  
**Għażliet tal-kosti simplifikati**

1. Minbarra l-metodi msemmija fl-Artikolu 57 tar-Regolament (UE) Nru [...], il-Kummissjoni tista' tħallas lura n-nefqa mħallsa mill-Istati Membri fuq il-bażi tal-iskali standard tal-kosti unitarji u s-somom f'daqqa definiti mill-Kummissjoni. L-ammonti kkalkulati fuq din il-bażi għandhom jitqiesu bħala appoġġ pubbliku mħallas lill-benefiċjarji u bħala nefqa eliġibbli għall-iskop li jiġi applikat ir-Regolament (UE) Nru [...].

Għal dan l-iskop il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 dwar it-tip ta' operazzjonijiet koperati, id-definizzjonijiet tal-iskali standard tal-kosti unitarji u s-somom f'daqqa u l-ammonti massimi tagħhom, li jistgħu jiġu aġġustati skont il-metodi normalment miftiehma applikabbli.

L-awditjar finanzjarju għandu jimmira esklussivament li jivverifika li l-kundizzjonijiet għall-ħlas lura mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-iskali standard tal-kosti unitarji u s-somom f'daqqa jkunu ġew ssodisfati.

Meta jintużaw dawn il-forom ta' finanzjament, l-Istat Membru jista' japplika l-prattiki tal-kontabbiltà tiegħu għall-appoġġ tal-operazzjonijiet. Għall-iskop ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) Nru [...] dawn il-prattiki tal-kontabbiltà u l-ammonti li jirriżultaw ma għandhomx ikunu soġġetti għall-awditjar mill-awtorità tal-awditjar jew mill-Kummissjoni.

2. Skont l-Artikolu 57(1)(d) u (4)(d) tar-Regolament (UE) Nru [...], tista' tintuża rata fissa sa 40 % tal-kosti tal-persunal diretti eliġibbli sabiex tkopri l-kosti eliġibbli ta' operazzjoni li jifdal.
3. L-għotjiet li jitħallsu lura fuq il-bażi tal-kost eliġibbli tal-operazzjonijiet, determinati permezz ta' finanzjament b'rata fissa, skali standard ta' kosti unitarji u somom f'daqqa kif imsemmi fl-Artikolu 57(1) tar-Regolament (UE) Nru [...] jistgħu jiġu kkalkulati fuq bażi ta' kull każ b'referenza għal abbozz ta' baġit miftiehem *ex ante* mill-Awtorità ta' Tmexxija, fejn l-appoġġ pubbliku ma jaqbiżx l-EUR 100 000.
4. L-għotjiet li għalihom l-appoġġ pubbliku ma jaqbiżx l-EUR 50 000 għandhom jieħdu l-forma ta' somom f'daqqa jew skali standard ta' kosti unitarji, għajr għall-operazzjonijiet li jirċievu appoġġ fi ħdan il-qafas ta' skema ta' għajjnuna mill-istat.

*Artikolu 15*  
**Strumenti finanzjarji**

1. Skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru [...], l-FSE jista' jappoġġa azzjonijiet u politiki li jaqaw fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu permezz ta' strumenti finanzjarji, bħall-iskemi tal-qsim tar-riskju, l-ekwità u d-dejn, fondi ta' garanzija, fondi ta' investiment u fondi ta' self.
2. L-FSE jista' jintuża għat-tisħiħ tal-aċċess għas-swieq tal-kapital għal korpi pubbliċi u privati fuq livelli nazzjonali u reġjonali li jimplementaw azzjonijiet u politiki li jaqaw

fil-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE u l-programm operattiv permezz ta' "garanziji tal-FSE bbażati fuq il-politiki" sakemm il-Kummissjoni tagħti l-approvazzjoni tagħha.

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 sabiex tiddefinixxi r-regoli u l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-applikazzjonijiet tal-Istati Membri, inklużi l-limiti, għall-garanziji bbażati fuq il-politiki, filwaqt li tiżgura b'mod partikolari li l-użu tagħhom ma jwassalx għal livelli eċċessivi ta' dejn tal-korpi pubbliċi.

Kull applikazzjoni għandha tiġi vvalutata mill-Kummissjoni, u l-Kummissjoni għandha tapprova kull "garanzija tal-FSE bbażata fuq il-politiki" sakemm din taqa' fil-qasam ta' attività tal-Programm Operattiv imsemmi fl-Artikolu 87 tar-Regolament (UE) Nru [...] u sakemm tkun konformi mar-regoli u l-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti.

## **Kapitolu IV**

### **Delega tas-setgħa u dispożizzjonijiet finali**

#### *Artikolu 16*

#### **Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa sabiex jiġu adottati atti ddelegati tingħata lill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 14(1) u 15(2) għandha tingħata għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-1 ta' Jannar 2014.
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(1) u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva mill-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ.
4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att delegat adottat skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(1) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn ta' notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew il-Kunsill.

*Artikolu 17*

**Revoka**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 huwa b'dan irrevokat b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 18*

**Klawżola ta' reviżjoni**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirriveđu dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2020 skont l-Artikolu 164 tat-Trattat.

*Artikolu 19*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## ANNEX

### Indikaturi tal-produzzjoni u tar-riżultati komuni għall-investimenti tal-FSE

(1) Indikaturi tal-produzzjoni komuni dwar il-parteċipanti

Il-parteċipanti<sup>20</sup> jirreferu għal persuni li jibbenefikaw direttament minn investiment tal-FSE u li jistgħu jiġu identifikati u jintalbu l-karatteristiċi tagħhom, u li għalihom tiġi mwarrba nefqa speċifika. Benefiċjarji oħra ma għandhomx jitqiesu bħala parteċipanti.

- persuni qiegħda, inklużi dawk qiegħda għal perjodu ta' żmien twil\*
- il-persuni qiegħda għal żmien twil\*
- inattivi\*
- inattivi, mhux li qed jedukaw irwieħhom jew qed jitħarrġu\*
- impjegati, inklużi dawk li jaħdmu għal rashom\*
- ta' taħt il-25 sena\*
- 'il fuq minn 54 sena\*
- b'edukazzjoni primarja (ISCED 1) jew sekondarja baxxa (ISCED 2)\*
- b'edukazzjoni sekondarja għolja (ISCED 3) jew edukazzjoni post sekondarja (ISCED 4)\*
- b'edukazzjoni terzjarja (ISCED 5 to 8)\*
- migranti, persuni bi sfond barrani, minoritajiet (inklużi l-komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma)\*\*
- il-persuni b'diżabbiltà\*\*
- persuni żvantaġġjati oħra\*\*

---

<sup>20</sup> L-arranġamenti tal-ipproċessar tad-dejta stabbiliti mill-Istati Membri għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Direttiva 95/46 tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tagħha.

Id-dejta rrapurtata skont l-indikaturi mmarkati b'\* hija dejta personali skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva msemmija hawn fuq. L-ipproċessar tagħha ikun meħtieġ għall-konformità mal-obbligazzjoni legali li għaliha l-kontrollur huwa soġġett (l-Artikolu 7(c)). Għad-definizzjoni ta' kontrollu, ara l-Artikolu 2 tad-Direttiva msemmija hawn fuq.

Id-dejta rrapurtata skont l-indikaturi mmarkati b'\*\* hija dejta ta' kategorija speċjali skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva msemmija hawn fuq. Soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni xierqa, l-Istati Membri jistgħu, għall-finijiet ta' interess pubbliku sostanzjali, jistabbilixxu eżenzjonijiet b'żjeda ma dawk stabbiliti fl-Artikolu 8(2), permezz tal-liġi nazzjonali jew b'deċiżjoni tal-awtorità ta' superviżjoni (l-Artikolu 8(4)).

L-għadd totali tal-parteċipanti huwa kkalkulat awtomatikament fuq il-bażi tal-indikaturi tal-produzzjoni.

Din id-dejta dwar il-parteċipanti li jidħlu f'operazzjoni appoġġata mill-FSE għandha tiġi pprovduta fir-rapporti tal-implimentazzjoni annwali kif speċifikat fl-Artikolu 44(1) u (2) u l-Artikolu 101(1) tar-Regolament (UE) Nru [...]. Id-dejta kollha għandha titqassam skont is-sess.

(2) L-indikaturi tal-produzzjoni komuni għall-entitajiet

- għadd ta' proġetti implimentati bis-sħiħ jew parzjalment mill-imsieħba soċjali jew l-organizzazzjonijiet mhux governattivi
- għadd ta' proġetti li jimmiraw l-amministrazzjonijiet pubbliċi jew is-servizzi pubbliċi
- għadd ta' mikroimpriżi u impriżi żgħar u medji appoġġati

Din id-dejta għandha tiġi pprovduta fir-rapporti tal-implimentazzjoni annwali kif speċifikat fl-Artikolu 44(1) u (2) u l-Artikolu 101(1) tar-Regolament (UE) Nru [...].

(3) Indikaturi tar-risultati immedjati komuni dwar il-parteċipanti

- parteċipanti inattivi li meta telqu kienu bdew ifittxu impjieg
- parteċipanti li meta telqu kienu fl-edukazzjoni/taħriġ
- parteċipanti li meta telqu kisbu kwalifika
- parteċipanti li meta telqu sabu impjieg

Din id-dejta għandha tiġi pprovduta fir-rapporti tal-implimentazzjoni annwali kif speċifikat fl-Artikolu 44(1) u (2) u l-Artikolu 101(1) tar-Regolament (UE) Nru [...]. Id-dejta kollha għandha titqassam skont is-sess.

(4) Indikaturi tar-risultati fuq żmien itwal komuni dwar il-parteċipanti

- parteċipanti li sabu impjieg sitt xhur wara li telqu
- parteċipanti li sabu impjieg għal rashom sitt xhur wara li telqu
- parteċipanti b'sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol imtejba sitt xhur wara li telqu

Din id-dejta għandha tiġi pprovduta fir-rapporti tal-implimentazzjoni annwali kif speċifikat fl-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru [...]. Għandha tinġabar fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv ta' parteċipanti f'kull assi prijoritarju jew subprijoritarju. Il-validità interna tal-kampjun għandu jiġi żgurat b'tali mod li d-dejta tista' tiġi ġeneralizzata fil-livell tal-assi prijoritarju jew subprijoritarju. Id-dejta kollha għandha titqassam skont is-sess.